# Attivitajiet għall-kitba tal-Malti
# maħsubin u mħejjijin mill-għalliema
# tal-1, it-2 u t-3 Sena
# tal-iskejjel primarji statali u nonstatali

# Kelmtejn Qabel

Għeżież għalliema,

Frott il-kors intern fuq il-litteriżmu li sar fis-sena 2008-09 lill-għalliema tal-ewwel tliet snin tal-iskejjel primarji statali u nonstatali insibu dawn l-attivitajiet għall-kitba u l-qari tal-Malti.

Nieħu pjaċir ħafna li dawn l-attivitajiet jistgħu jservu bħala ideat li jixprunaw ideat oħrajn u aktar riżorsi minnkom l-għalliema fil-klassijiet tagħkom biex it-tfal tagħna jkomplu jissaħħu fil-qari u fil-kitba tal-Malti tagħna.

Għalija huwa ta' pjaċir li intom l-għalliema tkunu tistgħu taqsmu r-riżorsi li għandkom bejnietkom. Dawn l-attivitajiet li qed jidhru hawnhekk iservu bħala l-ewwel pass fil-qasam tal-Malti biex ikollna bank ta' riżorsi magħmul minnkom biex jintużaw mill-għalliema kollha fl-iskejjel Maltin u Għawdxin.

Grazzi u nselli għalikom.

David Agius Muscat
Uffiċjal tal-Edukazzjoni għall-Malti

KITBA

# Kitba kreattiva u spontanja

**L-Għanijiet**

- It-tfal ikunu kapaċi jiktbu sentenzi fuq bażi ta' kliem magħżul minnhom minn rivisti jew gazzetti

**Ir-Riżorsi**

- gazzetti
- ġurnali jew rivisti bil-Malti
- *flashcards* kbar vojta
- kaxxa żgħira vojta

**Il-Metodu**

- Kull student jagħżel ħames kelmiet li jogħġbu lilu/lilha, jaqtagħhom u jitfagħhom f'kaxxa apposta.
- Kif ilestu wieħed wara l-ieħor idaħħlu jdejhom ġol-kaxxa u joħorġu kelma li tkun u jpoġġuha fuq il-mejda quddiemhom.
- Flimkien, l-istudenti jaqraw il-kliem u jippruvaw joħolqu sentenza.
- Din tista' jew tinkiteb fuq *flashcard* kbira jew iwaħħlu l-kliem (jekk ikunu kbar biżżejjed) u jżidu magħhom erbgħa.
- Il-*flashcard* tista' titwaħħal mal-ħajt fejn tidher.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema:**
*Valerie Ruth Scerri (San Franġisk, l-Imsida), Carmen Sammut (Ħal Safi u Ħal Kirkop), Sonia Farrugia (Ħaż-Żebbuġ), Ruth Agius Schembri (San Franġisk, Birkirkara), Catherine Bezzina (Is-Siġġiewi), Marita Grima (L-Imqabba)*

KITBA
# Pizza

**L-Għanijiet**

- It-tfal jużaw sew vokabolarju relatat ma' ikel favorit
- Joħolqu kitba f'ordni b'użu ta' stampi biex jiffurmaw riċetta sempliċi

**Ir-Riżorsi**

- stampi li juru diversi fażijiet ta' kif isir pizza
- ktieb tar-riċetti
- karta tat-taħriġ bil-forma ta' pizza bi stampi u ismijiet ta' ingredjenti

**Il-Metodu**

- L-għalliema tuża l-ktieb tar-riċetti u toħloq diskussjoni bħala spunt għall-kitba.
- Tqassam stampi lill-grupp ta' tfal u jpoġġuhom f'ordni.
- Bħala tħejjija għall-kitba jqasqsu l-ingredjenti u l-ismijiet u jwaħħluhom fuq il-karta tat-taħriġ bil-forma tal-pizza.
- It-tfal jiktbu pass pass il-metodu li jintuża biex tinħema l-pizza.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema:**
*Anna Bailey (Il-Gudja), Mary Grace Bailey (Birżebbuġa), Janice Aquilina (Ħal Qormi, S.B.), Janet Attard (Ħal Qormi, S.Ġ.), Marika Camilleri (Ħaż-Żebbuġ)*

KITBA

# Intilifli l-kelb

**L-Għan/ijiet:**

- It-tfal jitgħallmu x'inhu avviż
- It-tfal jiddeskrivu fil-qosor b'mod ċar (li jkun konċiż)
- It-tfal jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq l-avviżi ta' gruppi oħra

**Ir-Riżorsi:**

- karta ta' taħriġ biex tintuża bħala *pre-writing*
- kartonċin imqasqas f'forma ta' powster (madwar A3)
- ritratti tal-pets jew stampi
- markers, kuluri, kolla u riżorsi oħrajn

**Il-Metodu:**

- L-għalliema tqassam lit-tfal avviż (imkabbar) minn gazzetta u tistaqsi lit-tfal jekk jafux x'inhu.
- Flimkien jiddeskrivu minn xiex jikkonsisti avviż.
- Tispjega li kull grupp se jagħmel avviż għalih.
- L-għalliema taqsam il-klassi fi gruppi u tipprovdi l-istampa tal-kelb flimkien mal-karta tal-*pre-writing.*
- Kull grupp ser jimla l-karta tal-*pre-writing* li tkun tinkludi l-isem tal-kelb, deskrizzjoni u informazzjoni qasira, il-post fejn intilef, rigal u n-numru tat-telefown jew mowbajl.
- L-għalliema tiċċekja l-*pre-writing* u tikkonferma li jisgħtu jgħaddu għall-produzzjoni tal-avviż propju.
- Fl-aħħar kull grupp jippreżenta l-avviż tiegħu filwaqt lit-tfal l-oħrajn jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq l-avviżi tal-gruppi l-oħrajn.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema:**
*Charlene Farrugia (Ħal Safi), Maruska Scerri (Is-Siġġiewi), Rita Caruana (St Joan Antide), Rodiana Cesare (Birżebbuġa), Cynthia Buhagiar (Il-Qrendi), Mansy Bugeja (Ħal Luqa), Maria Abela (Ħal Qormi S.B.)*

KITBA

# L-annimali fil-klassi

**L-Għanijiet**

- It-tfal ser isiru jafu x'annimali għandhom sħabhom tal-klassi u ser joħolqu *block graph*
- Huma ser ikollhom l-opportunità jagħżlu annimal u jiktbu ftit sentenzi daqslikieku huwa dak l-annimal magħżul

**Ir-Riżorsi**

- kompjuters
- aċċess għall-internet
- karti/pitazzi
- ċart

**Il-Metodu**

- Qassam il-klassi fi gruppi ta' mhux aktar minn ħamsa. Kull grupp ser ikun bi tfal ta' abilitajiet differenti. F'kull grupp ser jintagħżel kap (it-tfal jagħżluh bejniethom).
- Fil-gruppi li qegħdin, kull grupp ser jintervista lill-membri biex jaraw x'annimali għandhom fid-dar/razzett tagħhom.
- Il-kap ta' kull grupp ser jgħid lill-klassi x'annimali għandhom il-membri tal-grupp tiegħu.
- Flimkien bħala klassi ser tinħoloq *block graph* biex it-tfal kollha jkunu jistgħu jaraw b'mod konkret x'annimali għandhom sħabhom.
- Bħala klassi ser issir diskussjoni fuq l-informazzjoni li hemm fiċ-ċart: Liema hu l-aktar annimal komuni fid-dar? Liema hu l-anqas annimal komuni fid-dar? Liema hu l-aktar annimal stramb?
- It-tfal imbagħad ser jagħżlu annimal. Huma ser jingħataw ħin biżżejjed biex jiktbu xi sentenzi mill-perspettiva tal-annimal magħżul fuq karta ħażina.
- Meta t-tfal ikunu lestew is-sentenzi kollha, issir enfasi biex jiċċekjaw ix-xogħol tagħhom billi l-għalliema tagħmillhom xi mistoqsijiet/riflessjonijiet biex itejbu l-kitba.
- It-tfal ser jiġu mħeġġa biex imorru fuq il-kompjuters u jsibu xi stampi tal-annimal magħżul. Huma jistgħu jipprintjaw l-istampi u jiktbu s-sentenzi puliti fuq il-pitazz tagħhom.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Marthese Baldacchino (Ħal Qormi SB), Veronica Debono (Ħaż-Żebbuġ), Anton Falzon (Birżebbuġa), Samuel Falzon (Ħal Għaxaq), Lillian Farrugia (St Joan Antide, il-Gudja), Ann Marie Mifsud (Ħal Qormi, SĠ), Elizabeth Saliba (Is-Siġġiewi u Ħal Luqa)*

KITBA

# Id-dar tagħna

**L-Għanijiet**

- It-tfal ikunu kapaċi jiktbu vokabularju relatat mal-kmamar fid-dar
- It-tfal jitkellmu flimkien dwar l-oġġetti li nsibu fi kmamar partikolari

**Ir-Riżorsi**

- karta tat-taħriġ bi stampa ta' dar vojta maqsuma f'erbgħa (ara l-eżempju)

**Il-Metodu**

- Aqsam il-klassi fi gruppi ta' erbgħa.
- Fil-grupp it-tfal ser jiddiskutu l-affarijiet li jsibu f'dawn il-kmamar.
- Kull membru tal-grupp ser jagħżel kamra u fiha ser jiktbu u jpinġu l-oġġetti li jsibu f'din il-kamra.
- Fl-aħħar it-tfal ser jiddiskutu x'jixtiequ li jkollhom iżjed fid-dar, eżempju: ġnien, gallarija, kompjuter fil-kamra tiegħi, eċċ.

Eżempju tal-karta tat-taħriġ:




**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Karen Camilleri (Ħal Qormi SB), Louise Fenech (St Joan Antide, il-Gudja), Maria Chetcuti (Ħal Luqa), Catherine Caruana (Birżebbuġa), Nancy Degabriele (Ħaż-Żebbuġ), Sally Caruana (Ħal Għaxaq), Saviour Saliba (Ħal Luqa) Doris Pace (Is-Siġġiewi)*

KITBA

# Ibni storja

**L-Għan**

- It-tfal jitħarrġu fil-qari ta' kliem u sentenzi u jitgħallmu jagħmlu sekwenza ta' storja skont l-istampi

**Ir-Riżorsi**

- stampi tal-istorja
- *flashcard*s bil-kliem

**Il-Metodu**:

- Qassam lit-tfal fi gruppi u agħti sett ta' stampi li juru storja lil kull grupp.
- Kull grupp jipprova jbassar kif se tkun l-istorja skont l-istampi li jkollu.
- Kull grupp iwaħħal l-istampi f'sekwenza fuq il-bord.
- Agħti sett ta' *flashcard*s bil-kelma lil kull grupp.
- It-tfal iridu jpoġġu kull kelma taħt l-istampa relatata.
- It-tfal jivvintaw sentenza b'kull kelma li hemm taħt kull stampa u jiffurmaw l-istorja.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Josefa Sammut (Birkirkara), Alexia Calleja (San Franġisk, Birkirkara), Yvonne Psaila (L-Imġarr), Romina Sciberras (Ir-Rabat), Louise Mallia (Thi Laken, Ħ'Attard), Marisa Galea Cavallazzi (Thi Laken, Ħ'Attard)*

KITBA
# Sekwenzi

**L-Għan**

- It-tfal ikunu kapaċi jaqraw u jpoġġu/jiktbu s-sentenzi f'sekwenza bl-għajnuna ta' stampi u mistoqsijiet

**Ir-Riżorsi**

- storja
- stampi
- karta ta' taħriġ bil-mistoqsijiet
- pitazz

**Il-Metodu**

- It-tfal jitqassmu fi gruppi ta' tnejn (pari) u flimkien isibu is-sekwenza tal-istampi billi jimmarkawhom b'numri.
- Wara, it-tfal iqasqsu l-istampi u jwaħħluhom fuq il-pitazz u jiktbu tweġibiet tal-mistqosijiet f'sentenzi (imqabblin mal-istampa).

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Kathleen Camilleri (Ir-Raħal Ġdid), Valeria Farrugia (Iż-Żejtun), Alexia Mercieca (Tereża Nuzzo, il-Marsa), Doreen Schembri (Il-Ħamrun, SS)*

KITBA

# Ikteb xi ħaġa sabiħa fuqi

**L-Għan**

- L-istudenti jkunu kapaċi jibnu sentenza qasira fuq stampa provduta.

**Ir-Riżorsi**

- stampi
- karti tat-taħriġ

**Il-Metodu**

- Aqsam il-klassi fi gruppi ta' ħamsa.
- Ikteb l-isem tal-parteċipanti f'kull grupp.
- Qassam karta u tliet stampi lil kull grupp.
- It-tfal iridu jibnu tliet sentenzi tat-tliet kelmiet.
- Wara, parteċipant minn kull grupp jaqra s-sentenzi.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Rita Scicluna Sultana (Ir-Raħal Ġdid), Eucharist Mercieca (Il-Mosta), Rachel Theuma (San Franġisk, l-Imsida), Marisa Farrugia (Tereża Nuzzo, il-Marsa), Salvina Vella (Il-Marsa)*

KITBA

# Id-djarju ta' Muċċu

L-**Għanijiet**

- It-tfal jiktbu sentenzi qosra

**Ir-Riżorsi**

- djarju bħala mudell
- karta A4 mitwija f'erbgħa

**Il-Metodu**

- Naqraw id-djarju lit-tfal.
- Diskussjoni fuq il-kontenut.
- Jagħżlu annimal u jiktbu d-djarju tagħhom fi gruppi.
- Huma jpinġu stampa fuq kull paġna u taħt jiktbu sentenza jew kliem dwar dak li jkunu pinġew.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Christine Grech (San Franġisk), Wendy Cremona (San Franġisk), Connie Abdilla (Tereża Nuzzo), Marija Cassar (Il-Ħamrun), Marlene Grech (Il-Ħamrun), Marilyn Buckle Buhagiar (Il-Furjana), Maria Buhagiar (Ir-Raħal Ġdid)*

KITBA

# Riċetti

**L-Għanijiet**

- kitba bi skop speċifiku
- riċetti tal-ikel
- lista tax-xirja
- ħwienet differenti (b'mod indirett)
- kreattività u reċtar

**Ir-Riżorsi**

- ktieb tal-istorja
- ktieb tar-riċetti
- qoxra tal-ktieb li bih ser niffurmaw il-ktieb bir-riċetti tal-klassi
- karti tat-taħriġ ikkuluriti

**Il-Metodu**

- Introduċi l-lezzjoni billi taqra l-ktieb *Borma Minestra* (Trevor Żahra) drammatizzata bl-għajnuna tat-tfal.
- Fi gruppi maqsuma skont l-abiltà t-tfal jiddiskutu x'ser isajru.
- It-tfal joħolqu lista tal-affarijiet li għandhom bżonn jixtru u minn fejn ser jixtruhom.
- Gruppi li jmexxu waħedhom ser jiktbu r-riċetta kif jixtiequ huma.
- Gruppi li inqas imexxu waħedhom ser ikollhom karta tat-taħriġ bl-għajnuna (ipoġġu kelma minn kull kolonna biex jiffurmaw sentenza qasira).
- Fl-aħħar niffurmaw ktieb tar-riċetti tal-klassi.
- It-tfal jaqraw ir-riċetti lil xulxin.
- Inpinġu u nżejnu r-riċetti tagħna.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Roseanne Gauci (Iż-Żurrieq), Karen Vella Pace (Birżebbuġa), Madeline Vella (Ħaż-Żebbuġ), Jane Axisa (Is-Siġġiewi), Charmaine Zammit (Ħal Għaxaq)*

KITBA

# Mima: **X'qed nagħmel?**

**L-Għan**

- It-tfal ikunu kapaci jaghrfu il-mima li wiehed minn shabu qed jaghmel u jifforma sentenza fuq din l-azzjoni

**Ir-Rizorsi**

- stampi li juru l-azzjoni
- *flashcard*s li qed juru l-azzjoni
- karti tat-taħriġ
- kuluri
- imqass
- kolla

**Il-Metodu**

- L-għalliema tintroduci l-logħba kif ser tiżvolġi billi tagħti xi eżempji ta' mimi li juru azzjonijiet differenti.
- Issejjaħ xi tfal biex jaħsbu f'azzjoni.
- Imbagħad wieħed, wieħed joħorġu jagħmluha u t-tfal l-oħra jippruvaw jaqtgħu l-azzjoni.
- *Flashcard*s u stampi jeħlu mal-bord u t-tfal iridu jqabblu l-istampa mal-kelma li turi l-azzjoni.
- Jingħataw karti tat-taħriġ li juru l-istampi u l-kliem fejn it-tfal ipinġu, iqasqsu l-istampi u l-kliem u jwaħħlu fuq il-pitazz.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Claudia Farrugia (San Franġisk, l-Imsida), Chantelle Bugeja (Tereża Nuzzo, il-Marsa), Emily Cardona (Dun Ġorġ Preca, il-Ħamrun), Marion Borg (Dun Ġorġ Preca, il-Ħamrun), Catherine Camiller (Dun Ġorġ Preca, il-Ħamrun).*

KITBA

# Toni mar l-iskola

L-G**ħanijiet**

- It-tfal ikunu jafu li storja fiha sekwenza
- Li sentenza tibda b'ittra kapitali u tispiċċa b'punt

**Ir**-Ri**żorsi**

- stampi
- imqass
- kolla
- pitazz

**Il-Metodu**

- It-tfal jaraw l-istampi u niddiskutuhom (klassi kollha).
- It-tfal jaqtgħu l-istampi u jpoġġuhom f'ordni u jwaħħluhom fuq il-pitazz.
- It-tfal jgħidu xi sentenzi fuq kull stampa u l-għalliema tiktibhom fuq il-*whiteboard*.
- It-tfal jagħżlu u jiktbu (bl-għajnuna tal-għalliema) l-aħjar sentenzi biex jiffurmaw l-istorja.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Miriam Chilton (Il-Konservatorju tal-Isqof), Renata Vella Muscat (Iż-Żebbuġ), Sandra Grech (Kerċem), Carmen Perez (Ta' Sannat), Joanna Buttigieg (għalliema tas-saħħa u s-sigurtà)*

KITBA

# Aqta' min

L-**Għanijiet**

- It-tfal ikunu kapaċi jaħsbu, jiffurmaw u jiktbu sentenzi dwarhom infushom.

**Ir-Rizorsi**

- Karta għal kull grupp
- Karta ta' taħriġ bħala eżempju

**Il-Metodu**

- L-għalliema taqsam il-klassi f'żewġ gruppi (jekk hemm bżonn tista' taqsamha f'erba' gruppi).
- Tispjega billi tuża l-karta ta' taħriġ bl-eżempji t-tip ta' sentenzi li huma mitluba jaħsbu u jiktbu dwarhom infushom.
- Bħala attività għal klassi kollha, l-għalliema tista' tagħmel *brainstorming* ta' ideat u kliem li jistgħu jgħinu lit-tfal jibnu s-sentenzi tagħhom.
- Wara tista' tagħżel xi wħud mill-istudenti sabiex jiktbu xi sentenzi fuq il-*whiteboard*.
- Hekk kif issa jmorru fil-grupp tagħhom, kull student irid jikteb sentenza dwaru/ha fuq il-karta li tkun ingħatat mingħajr ma' jikteb ismu.
- Hekk kif dan l-eżerċizzju jkun lest, l-għalliema taqleb il-karti tal-gruppi u f'dan l-eżercizzju l-istudenti jridu jaqtgħu min kiteb is-sentenza billi jniżżlu l-isem fil-kaxxa kif indikat.
- Din it-tip ta' logħba li fiha t-tfal jipprattikaw il-qari, tintemm billi fl-aħħar jaraw kemm irnexxielhom jaqtgħu isimijiet tajbin.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Kirby Caruana (Il-Belt), John Debono (Kerċem), Janice Muscat (Ħal Lija), Michelene Micallef (Kerċem), Silvana Portelli (Il-Qala), Lucy Sciberras (Ir-Rabat, Għawdex), Gina Theuma (San Franġsik, ir-Rabat, Għawdex)*

**KARTA TA' TAĦRIĠ**

| **MIN JIEN?** | ISEM |
|---|---|
| Inħobb nilgħab il-futbol u ngħum fis-sajf. | |
| Missieri jbigħ il-laħam f'ħanut. | |
| Ommi hija ners u missieri huwa pulizija. | |
| Jien naf indoqq il-pjanu u mmur nitgħallmu għand is-sorijiet. | |
| Noqgħod f'dar fil-pjazza tar-raħal. | |
| Jiena għandi ħuti tewmin akbar minni. | |

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

**KARTA GĦAL**L-GRUPPI

| **MIN JIEN?** | ISEM |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

KITBA

# X’jagħtuna l-annimali

**L-Għan**

- It-tfal iqabblu l-istampa tal-annimal mal-istampa ta’ x’jagħtina u wara jiktbu sentenzi fuqhom

**Ir-Riżorsi**

- każett b’konverżazzjoni tal-annimali
- *flashcard*s tal-annimali
- *flashcard*s ta’ x’jagħtuna l-annimali
- karta tat-taħriġ

**Metodu:**

- It-tfal jisimgħu konverżazzjoni bejn l-annimali tar-razzett. Kulħadd jiftaħar li hu l-aktar importanti għax jagħti xi ħaġa.
- It-tfal jinqasmu fi gruppi u jingħataw *flashcard*s tal-annimali u *flashcard*s ta’ x’jagħtuna.
- Huma jilagħbu pari pari fejn jekk jikxfu dawk li jaqblu jeħduhom u jekk le jerġgħu jaqilbuhom eż. stampa ta’ tiġieġa ma’ stampa ta’ bajd.
- It-tfal jingħataw karta tat-taħriġ fejn huma jridu jkomplu l-konverżazzjoni bejn l-annimali.
- Tfal li huma iktar kappaċi jistgħu jiktbu huma l-konverżazzjoni jew jagħżlu żewġ annimali u jiktbu djalogu.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Isabelle Attard (Ir-Rabat, Għawdex), RoseMary Bonnici (Ir-Rabat, Għawdex), Nadia Cremona (Ta’ Sannat)*
*Marthese Attard (Iż-Żebbuġ), Jennifer Bajada (Ix-Xagħra)*

KITBA

# Kif tipprepara sendwiċ

**L-Għanijiet**

- It-tfal jipprattikaw diversi abbiltajiet bħal qari, taħdit u kitba, fil-lingwa Maltija
- It-tfal ser jgħamlu użu ta' sekwenza
- It-tfal ser jgħamlu użu tal-imperattiv
- Isir użu ta' vokabularju relatat ma' preparazzjoni tal-ikel u apparat użat

**Ir-Riżorsi**

- Stampi ta' ingredjenti li jistgħu jintużaw
- Stampi ta' varjeta' ta' sendwiċis
- Templejt fuq kartonċina jew karta tat-taħriġ li jintuża bħala għajnuna għat-tfal waqt il-kitba, biex iservi ta' gwida
- Frieket, skieken u platti tal-plastik
- Ingredjenti bħal ħobż u ingredjenti partikolari li jistgħu jintużaw fis-sendiwċ

**Il-Metodu**

- Bħala preparazzjoni jsir qari ta' mudelli, li jinkludu riċetti ta' ikel sempliċi li jkun familjari mat-tfal. Dan il-qari jista' jsir f'attivitajiet ta' taħriġ il-fehem.
- Mill-mudelli użati it-tfal għandhom jiġu ggwidati sabiex jisiltu espresjonijiet u verbi li jkunu fl-imperattiv.
- It-tfal għandhom ukoll jġu ppreparati permezz ta' taħdit u diskussjoni dwar ingredjenti / apparat / metodi użati fil-mudelli provduti.
- F'sessjoni separata it-tfal għandhom jgħamlu s-sendwiċ. It-tfal jaħdmu fi gruppi żgħar ta' 3 jew 4 waqt il-preparazzjoni.
- Wara li jsir is-sendwiċ it-tfal għandhom jitkellmu dwar il-proċess li kien involut.
- Mill-punti li joħorġu minn din id-diskussjoni tinkiteb ir-riċetta. It-tfal għandhom jużaw it-*template* tar-riċetta li jiġi provdut mill-għalliem/a.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Joseph Said (Il-Belt), Rudolph Attard (Il-Belt), Grace Attard (Il-Furjana), Ylenia Muscat (Tereża Nuzzo, il-Marsa), Sor Antonia Buġeja (Tereża Nuzzo, il-Marsa), Mariella Cassar (Ir-Raħal Ġdid)*

KITBA

# It-tlitt ilpup u l-ħanżir

**L-Għan**

- It-tfal jużaw l-immaġinazzjoni tagħhom sabiex ikomplu l-istorja u joħolqu l-konklużjoni bil-mod kreattiv tagħhom

**Ir-Riżorsi**

- *Powerpoint* bir-rakkont tal-istorja
- pupazzi (li jkunu għamlu fil-lezzjoni tal-kreattività)
- karta tat-taħriġ

**Il-Metodu**

- It-tfal jaraw *Powerpoint* bl-istorja u stampi relatati. Jinstema' wkoll ir-rakkont tal-istorja b'ilħna differenti.
- Il-pupazzi jintużaw biex jikkreaw *role-plays* fi gruppi.
- Wara t-tfal jinterpretaw il-preżentazzjoni tagħhom.
- Qassam il-karta tat-taħriġ lit-tfal sabiex ikomplu l-istorja u joħolqu l-konklużjoni bil-kitba.
- It-tfal jiġu mistoqsija għal *feedback* fuq il-lezzjoni.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Conrad Marmarà (Ir-Raħal Ġdid), Sabrina Vassallo (Il-Ħamrun), Diane Galea (Il-Ħamrun), Janet Attard (Ir-Raħal Ġdid), Tania Abela (Ir-Raħal Ġdid), Joanne Medati (Il-Ħamrun), Dorianne Mifsud (Il-Ħamrun), Antoinette Borg (San Ġużepp, il-Blata l-Bajda), Rebecca Farrugia (San Ġużepp, il-Blata l-Bajda), Daniela Camilleri (Il-Ħamrun)*